MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 18/2012

**Redeemer Portelli**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Redeemer Portelli fid-29 ta' Frar 2012, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jiddikjara, in linea ta' revizjoni, li d-decizjonijiet ta' rifjut mehdua fil-konfront tieghu mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ttiehdu ingustament u ghalhekk huma lesivi fil-konfront tieghu, u jordna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta biex tawtorizza l-hrug tal-permess ta' xufier kif minnu mitlub, bl-ispejjez kontra l-istess Awtorità;

Ra d-dokumenti markati Dok. "A" sa' Dok. "C" annessi mar-Rikors promotur a fol. 4 sa' 6 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li: (i) l-allegazzjonijiet u talbiet tar-Rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt; u li (ii) id-decizjoni taghha hija gusta, legali u ghandha tigi kkonfermata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tas-29 ta' Mejju 2012[1] u x-xhieda ta' Brian Farrugia in rapprezentanza ta' l-Awtorità intimata moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Mejju 2012[2] u tal-15 ta' Gunju 2012[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt l-imsemmija seduti markati Dok. "BF1" a fol. 27 tal-process u Dok. "BF2" a fol. 39 u 40 tal-process;

Ra s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Alexander Grech) v. Redeemer Portelli" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-31 ta' Jannar 2011, esebita mir-Rikorrent a fol. 36 sa' 38 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 41 sa' 47 tal-process u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-Awtorità intimata a fol. 49 sa' 51 tal-process;
Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta decizjoni ta' l-Awtorità intimata, notifikata lilu b'ittra datata 7 ta' Frar 2012[4] u b'mod finali b'ittra ohra datata 13 ta' Frar 2012[5], li tirrifjuta t-talba tieghu ghall-hrug jew ahjar tigdid ta' permess ta' xufier ghaliex ma jissodisfax il-kriterji kollha provduti fir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri ghall-hrug ta' tali permess, u senjatament li ma jissodisfax il-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba stante li *nghatajt sentenza fl-ahhar hames (5) snin u cioè*

[1] Fol. 28 sa' 31 tal-process.
[2] Fol. 32 u 33 tal-process.
[3] Fol. 40a tal-process.
[4] Dok. "A" a fol. 4 tal-process.
[5] Dok. "C" a fol. 6 tal-process.

*fit-30 ta’ Jannar 2011, ghax ikkommettejt reat li jgorr mieghu piena ta’ multa jew multi li jammontaw mill-inqas ghal elf (1000) Ewro, ghal xi reat skont l-Ordinanza dwar it-Regolament tat-Traffiku jew kull regolament maghmul tahtu*[6]*.*

Ir-Rikorrent jikkontesta din id-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata ghaliex *huwa jhoss illi tali decizjoni ttiehdet mill-intimati jew min minnhom ingustament fil-konfront tieghu u dan ghaliex hekk kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell, certament illi r-rikorrent ma jistax jigi meqjus bhala persuna ta’ kondotta jew reputazzjoni hazina semplicement ghax darba wahda biss kien involut f’incident stradali li jista’ jsehh lil kulhadd. … id-decizjoni ta’ l-Intimat tmur kontra l-principji bazici amministrattivi ta’ proporzjonalità u r-ragjonevolezza*[7]*.* Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tieghu r-Rikorrent jelabora ulterjorment dan l-aggravju w in sostenn ta’ l-istess jinvoka il-principju tal-protezzjoni ta’ *legitimate expectation* u l-principji tar-ragjonevolezza u proporzjonalità li ghandhom jigu osservati minn Awtorità pubblika fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha.

Ir-Rikorrent jikkontendi li *huwa kien jipposjedi dritt, ossia licenzja, u huwa kellu l-aspettativa legittima li jerga' jinghata l-licenzja. Dan id-dritt gie mcahhad da parti ta’ l-Awtorità intimata fuq bazi ta’ konsiderazzjonijiet mhux legittimi jew ragonevoli. Kif se jinghad hawn isfel wara li huwa ammetta l-akkuzi kontrih; wara li jigi ikkonstatat li l-incident kien wiehed mhux kawzat intenzjonalment; wara li jigi ikkonstatat li dan kien incident ta’ darba u li l-fedina penali tar-rikorrent hija netta u wara li jittiehed in konsiderazzjoni l-età u l-futur tar-rikorrent, huwa jikkontendi li kellu a ‘legitimate expectation’ li jerga’ jinghata l-licenzja stante li din saret ‘vested right’ ghaliex già kellu l-licenzja precedentement. Ir-rikorrent jikkontendi li l-permess ta’ xufier ma inghatax lilu minghajr ebda raguni valida u b’hekk gej prekluz milli jgawdi mid-drittijiet akkwisiti tieghu*[8]*.*

---

[6] Ittra datata 7 ta’ Frar 2012, Dok. “A” a fol. 4 tal-process.
[7] Rikors ta’ l-Appell.
[8] Nota ta’ Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 41 sa’ 47 tal-process.

Mill-provi prodotti u senjatament mid-dokument Dok. “BF2” a fol. 39 u 40 tal-process, jirrizulta bhala fatt illi r-Rikorrent già kellu permess ta’ xufier mahrug mill-Awtorità intimata. Dan il-permess inhareg fit-22 ta’ Marzu 2010 u skada fit-22 ta’ Ottubru 2010. Madanakollu però it-Tribunal josserva li ma jistax jigi kkunsidrat illi dak il-permess holoq *a vested right* favur ir-Rikorrent li jipprekludi lill-Awtorità intimata milli tiehu azzjoni legittima fil-konfront tieghu, inkluz ir-revoka jew nuqqas ta’ tigdid tal-permess, fejn u meta mehtieg. Di fatti mir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, senjatament mir-Regolamenti 17, 18 u 23(1) u (2), jirrizulta b'mod car li l-jeddijiet konferiti bil-hrug ta’ permess ta’ xufier, inkluz id-dritt li d-detentur tal-permess jahdem bhala xufier fil-qasam tal-garr ta' passiggieri, ma humiex assoluti ghaliex id-detentur tal-permess jista' jezercita tali jeddijiet kemm-il darba huwa jibqa' jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-Ligi ghall-hrug ta' dak il-permess.

Ghad illi l-permess ta' xufier ma johloqx fid-detentur *a vested right* hija legittima l-aspettativa tieghu li sakemm jibqa' jissodisfa l-kriterji stabbiliti fir-Regolament 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, il-permess tieghu jigi mgedded. Kwindi dak li ghandu jigi kkunsidrat fil-kaz in ezami huwa jekk ir-Rikorrent nonostante s-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-31 ta' Jannar 2011, baqax jissodisfa il-kriterji prefissi fl-imsemmi Regolament 18 u senjatament il-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba jew inkella le.

Ir-Rikorrent jikkontendi li d-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata li tirrifjuta t-talba tieghu ghat-tigdid tal-permess ta' xufier hija zbaljata ghaliex ibbazata fuq konsiderazzjonijiet mhux legittimi u hija nieqsa mill-proprozjonalità u r-ragjonevolezza. Jargumenta li l-Awtorità intimata kienet zbaljata meta kkonkludiet li minhabba l-kundanna imposta fuqu mill-Qorti ta’ kompetenza kriminali ghall-incident li sehh fit-22 ta' Jannar 2010 bis-sentenza tal-31 ta’ Jannar 2011, huwa ma baqax jissodisfa l-kriterju ta’ reputazzjoni u kondotta tajba. Jikkontendi li fic-cirkostanzi partikolari ta’

dan il-kaz tali decizjoni qatt ma setghet u messha ttiehdet fil-konfront tieghu.

L-Awtorità intimata da parte taghha tiddefendi d-decizjoni li hadet fil-konfront tar-Rikorrent u tikkontendi li l-istess hija legali u gusta u b'hekk jisthoqq li tigi ikkonfermata. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva taghha l-Awtorità intimata tissottometti li *r-Regolamenti dwar is-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56) jispecifikaw precizament il-kriterji imposti sabiex jigi dedott jekk applikant ghall-permess ghall-garr ta' passiggieri huwiex persuna ta' kondotta u reputazzjoni tajba jew le. Il-forma ta' dawn ir-Regolamenti hija ntiza sabiex ma thalli lill-Awtorità esponenti l-ebda diskrezzjoni li testendi, tvarja jew tiddipartixxi minn dawn il-kriterji fissi u tassattivi, u dan fl-interess responsabbli tal-gustizzja u fuq kollox, fl-interess tal-harsien tas-sikurezza tal-pubbliku illi jinqeda b'servizzi pubblici ta' garr ta' passiggieri. Illi kuntrarjament ghal dak illi qieghed jigi erronejament u vessatorjament allegat mir-rikorrent, l-Awtorità esponenti fl-ebda waqt ma agiet b'mod irragjonevoli jew sproporzjonat fl-applikazzjoni tal-kriterji imposti mill-legislatur. Fil-fatt hija ma ghamlet xejn hlief illi pprocessat l-applikazzjoni ta' l-attur ghall-permess mehtieg ghall-garr ta' passiggieri billi oggettivament ezegwiet dak illi jaqa' taht il-kompetenzi u fil-poteri taghha skond ir-Regolamenti vigenti llum, b'mod gust, ragjonevoli u certament in buona fede*[9].

Jigi osservat li r-Regolament 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 jipprovdi li *min japplika ghall-permess ta' xufier ghandu, qabel ma jinghata l-awtorizzazzjoni, jissodisfa lill-Awtorità li hu:* (i) *licenzjat kif imiss skond ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Licenzi ghas-Sewqan);* ***u*** *(ii) ghandu certifikat ta' kompetenza professjonali skond ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Licenzi ghas-Sewqan) sakemm ma jkunx ezentat minn dak ir-rekwizit skond l-istess Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur (Licenzi tas-Sewqan);* ***u*** *(iii) ghandu reputazzjoni u kondotta tajba.*

---

[9] Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-Awtorità intimata, fol. 49 sa' 51 tal-process.

Ir-Regolament 19 ta' l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja jipprovdi li *persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta'  reputazzjoni u kondotta tajba jekk* fost affarijiet ohra (c) *tkun inghatat sentenza, fl-ahhar hames snin, ta' prigunerija ghal kemm zmien ikun, jew ghal multa jew multi li jammontaw mill-inqas ghal elf Euro (€1,000), ghal xi reat skond l-Ordinanza dwar Regolament tat-Traffiku jew kull regolament maghmul tahtha jew l-Att jew kull regolament maghmul tahtu.*

Minn dawn ir-Regolamenti johrog ferm car li l-Awtorità intimata ghandha tibbaza id-decizjoni taghha dwar talba ghall-hrug jew tigdid ta' permess ta' xufier fuq kriterji assai oggettivi u ghalkemm huwa minnu li l-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha fir-rigward huwa ferm limitat, decizjoni moghtija minnha xorta wahda tista' tirrizulta li hija zbaljata u nieqsa mir-ragjonevolezza kemm-il darba taghmel apprezzament zbaljat u/jew superficjali tal-fatti li jkollha quddiemha. Fil-fehma tat-Tribunal dan huwa ezattament dak li gara fil-kaz in ezami u t-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-permess ta' xufier giet ingustament michuda.

Mill-fedina penali tar-Rikorrent jirrizulta li fit-30 ta' Jannar 2011 huwa instab hati talli fit-22 ta' Jannar 2010 ghall-habta ta' 23.50hrs fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni JBD 742, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq Crystal Ann Agius skond kif iccertifikat minn Dr. M. Grech mill-Isptar Mater Dei **u** talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, u konsegwentement gie ikkundannat ghall-multa ta' €1,800 u ghas-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien erba' xhur. A bazi ta’ din l-informazzjoni l-Awtorità intimata awtomatikament applikat ir-Regolament 19(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 fil-konfront tar-Rikorrent u chaditlu it-talba ghat-tigdid tal-licenzja ta' xufier minghajr però ma  hadet in konsiderazzjoni fattur ferm importanti, u cioè li l-multa ta’ €1,800 giet imposta fuq ir-Rikorrent b’referenza ghal zewg

reati, wiehed kontemplat fil-Kodici Kriminali u l-iehor fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

In effetti l-Awtorità intimata naqset milli debitament tikkonsidra l-fatt li r-Rikorrent gie ikkundannat ghall-multa **komplessiva** ta' €1,800: (a) ghar-reat ta' offiza involontarja fuq il-persuna ai termini ta' l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li f'kaz ta' htija jgorr piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn €2,329.37, **u** (b) ghar-reat ta' sewqan b'manjiera perikoluza ai termini ta' l-Artikolu 15(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, li f'kaz ta' htija jgorr piena ta' multa ta' mhux izjed minn €232.94 jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur.

Li dan huwa l-import tal-kundanna imposta fuq ir-Rikorrent jirrizulta mill-istess sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Alexander Grech) v. Redeemer Portelli** pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-31 ta' Jannar 2011, esebita a fol. 36 sa' 38 tal-process, minn liema johrog car li wara li l-Qorti kkunsidrat l-Artikoli 17 u 226(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet *lill-imputat Redeemer Portelli, fuq ammissjoni, hati ta' l-ewwel (1) akkuza u tar-raba' (4) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u il-fedina penali netta ta' l-imputat, tikkundanna lill-imsemmi imputat Redeemer Portelli ghall-piena komplessiva ta' elf u tmien mitt Euro (Euro 1800) multa*[10].

Mill-gdid jigi osservat li r-Regolament 19(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja jipprovdi li *persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk tkun inghatat sentenza, fl-ahhar hames snin, ta' prigunerija ghal kemm zmien ikun, jew ghal multa jew multi li jammontaw mill-inqas ghal elf Euro (€1,000), ghal xi reat skond l-Ordinanza dwar Regolament tat-Traffiku jew kull regolament maghmul*[11] *tahtha jew l-Att jew kull*

[10] Sottolinear tat-Tribunal.
[11] Sottolinear tat-Tribunal.

*regolament maghmul tahtu* u kif appena osservat ai termini ta’ l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta – l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku – il-piena ghar-reat hemm kontemplat tista’, mill-aspett ta’ multa, tkun **f’massimu ta’ €232.94**. Fid-dawl ta’ dan il-fatt l-Awtorità intimata qatt ma setghet legittimament u ragjonevolment tikkonkludi li bis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2011 li biha r-Rikorrent inghata kundanna *ghal multa jew multi li jammontaw mill-inqas ghal elf Euro (€1,000), ghal xi reat skond l-Ordinanza dwar Regolament tat-Traffiku jew kull regolament maghmul tahtha jew l-Att jew kull regolament maghmul tahtu* kif previst fir-Regolament 19(a) u konsegwentement li ma ghadux jissodisfa l-kriterju ta’ reputazzjoni u kondotta tajba a tenur tar-Regolament 18.

Kemm-il darba l-apprezzament tal-fatti kif maghmul mill-Awtorità intimata kellu jigi accettat u konsegwentement id-decizjoni taghha kkonfermata minn dan it-Tribunal, ir-Rikorrent ikun effettivament qed jigi trattat b’mod ghal kollox sproporzjonat fic-cirksotanzi tal-kaz ghaliex ghal reat taht l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku li jgorr piena f’kaz ta’ multa f’massimu ta’ €232.94 ikun qed jigi trattat daqs li kieku kkommetta reat li jgorr piena ferm iktar gholja. Il-grad tal-pieni imposti ghal reati kommessi ghandu jkun interpretat u applikat b’mod ugwali kemm fl-ambitu kriminali kif ukoll fl-ambitu amministrattiv ghaliex altrimenti jigi li l-persuna koncernata tigi trattata b’mod ingust bi pregudizzju notevoli ghad-drittijiet taghha.

Ghalkemm l-Awtorità intimata ticcita l-principju enuncjat mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur S. Valletta u Spettur C. Pullicino) v. Raymond Pace et” in sostenn tad-decizjoni taghha, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, fejn il-konkluzzjoni tal-process kriminali giet interpretata b’mod ghal kollox zbaljat, ma jsibx applikazzjoni u b’hekk id-decizjoni ta’ l-Awtorità ma tistax tigi kkonfermata.

Fil-fehma tat-Tribunal l-Awtorità intimata kellha f’dan il-kaz u ghandha f’kull kaz iehor fejn jehtieg li tezamina u tikkunsidra certifikat ta’ kondotta u/jew fedina penali ta’

applikant ghall-hrug jew tigdid ta' permess, taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha b'mod iktar akkurat u inqas superficjali, partikolarment fid-dawl tal-fatt li fil-maggor parti tal-kazijiet l-applikant ikun jehtieg tali permess ghall-fini ta' xoghol u konsegwentement ta' l-ghejxien tieghu u possibilment tal-familja tieghu wkoll.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk ma hemmx dubju li l-appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lilu b'ittra datata 7 ta' Frar 2012 u b'mod finali b'ittra datata 13 ta' Frar 2012, jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' l-appell tar-Rikorrent u filwaqt li jirrevoka id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lilu b'ittra datata 7 ta' Frar 2012 u b'mod finali u konklussiv b'ittra datata 13 ta' Frar 2012, tordna lill-Awtorità intimata tittratta t-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-permess ta' xufier b'mod ragjonevoli w in konformità ma' dak effettivament previst fir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------